MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 2/2014

AB

**-vs-**

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors  ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata (Detentrici tal-karta ta’ l-identita numru 104675 (M)) nhar l-1 ta’ Settembru 1995, skond kif jidher mill-Att

taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewg ulied: Aron u Ismael ahwa Galea, nhar it-22 ta’ Dicembru 1999 u l-20 ta’ Ottubru 2004 rispettivament. Kopja ta’ l-Atti tat-Twelid relattivi qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok B u C rispettivament;

Illi l-partijiet isseparaw personalment minn xulxin permezz ta’ Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali datat 8 ta’ Novembru 2013 fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, illi kopja awtentika tieghu qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. D;

Illi madankollu l-partijiet kienu ilhom isseparati *de facto*, qabel ma kkonkludew is-separazzjoni formali bejniethom, sa minn Frar tas-sena 2007, u dan kif jinsab ikkonfermat fil-klawsola numru wiehed (1) tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali bejn il-partijiet (Dok. D). B’hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi sal-lum il-gurnata, il-partijiet baqghu jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif rikjest ai termini ta’ l-Artikolu 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi permezz tal-klawsola numru erbgha (4) tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali bejniethom (Dok. D), il-partijiet kienu ddikjaraw illi huma ddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin u ghalhekk m’hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghalihom personalment;

Illi permezz tal-klawsola numru sebgha (7) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali bejn il-partijiet (Dok. D), l-esponenti obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata manteniment ghall-ulied minuri tal-partijiet fl-ammont ta' tliet mitt Euro (€300.00) (cioe' mija u hamsin Euro (€150.00) ghal kull wiehed mill-minuri) kull xahar bil-quddiem, oltre ghal nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;

Illi l-esponenti dejjem hallas l-imsemmi manteniment b'mod regolari u tempestiv u ghalhekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit stipulat ai termini ta' l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi mill-fuq permess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunjzat il-hall taz-zwieg, ossia d-divorzju bejn il-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg, ossija d-divorzju, iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Settembru 1995, ai termini ta' l-Artikolu 66D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi ir-rikors gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2014 ;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti ;

Rat illi l-intimata ma pprezentatx risposta izda xehdet bil-gurament f'dawn il-proceduri ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Novembru, 2013, izda ilhom separati *de facto* sa minn Frar tas-sena 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenza jew kwistjoni dwar manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------